**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 25 t' April, 2018**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs**

**Duncan Mizzi**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti ta' Duncan Mizzi detentur tal-karta tal-identita' Maltija numru 252674M akkuzat talli fis-26 ta' April 2015 ghal habta tad-21:00hrs gewwa dawn il-Gzejjer f' San Pawl il-Bahar, minghajr hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta' Abigail Muscat f' periklu

car, hebb ghall-istess Abigail Muscat u kkagunalha offizi ta' natura gravi, liema l-istess Abigail Muscat kienet tghix ma fl-istess dar ta' Duncan Mizzi ghal matul il-perjodu ta' sena qabel ir-reat.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna biza li ser tintuza vjolenza kontra Abigail Muscat mill-Imgarr, meta hu kien jaf jew imissu kien jaf li, ser jikkaguna lil haddiehor biza'.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew hebb, ta xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC 646 Albert Saliba li huwa persuna nkarigata skond iI-ligi ghas-servizz pubbliku, filwaqt li kien inkarigat skont il-ligi mis-servizz pubbliku, filwaqt li kien qieghed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija lilu skont il-ligi mill-awtoritajiet kompetenti

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 646 Albert Saliba hekk kif iccertifikat minn Dr. F. Azzopardi MD ID: 3030 mic-Centru tas-sahha Mosta.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti li joffendi l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-paci pubblika u/jew l-bon ordni b' ghajjat u/jew glied.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel reat iehor wara li kien gie kkundannat ghal-reat, b' sentenza datata 29 ta' Marzu 2012 harget mill-Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D, liema l-istess sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-27 ta' Lulju 2012 liema sentenzi saru definittivi, b' hekk gab ruhu recidiv.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-artikolu 412C, 383 fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Abigail Muscat u r-residenza taghha u kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-20 ta' Dicembru, 2016 (esebita a fol. 136 tal-process fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

- Fl-artikoli 214, 215 u 218 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 251B u 251H tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 96(a), 98 u 99A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 214, 215,221 u 222(1)(c) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 338(bb) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tat-23 ta' Frar 2017 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' da nil-kaz jirrigwardaw incident bejn l-imputat u t-tfajla tieghu Abigail Muscat l sehh fis-26 ta' April 2015 ghall-habta ta' 21.00hrs f' San Pawl il-Bahar fejn l-imsemmija Abigail Muscat sofriet griehi li gew klassifikati bhala ta' natura gravi minn Dr. Mark Bugeja u li kienu jikkonsistu fi ksur f' imnehirha. Dan l-incident sehh f' Pioneer Road Bugibba u xi Pulizija li nsertaw kienu fuq il-post minhabba rapport iehor gew allertati minn xi terzi persuni li kien hemm tnejn min-nies qed jiggieldu f' vettura u huma ghalhekk avvicinaw il-vettura li kienu fiha l-imputat u Abigail Muscat u meta hargu lill-imputat mill-vettura u allontanawh dan ried jerga' jmur hdejn il-vettura u meta inzamm milli jaghmel hekk mill-istess Pulizija kompla jinsisti u huwa gie arrestat f' liema process gew kagunati xi griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta'

PC 646 Albert Saliba. Il-griehi sofferti minn Abigail Muscat gew klassifikati bhala gravi per durata mill-espert mediku mahtur minn din il-Qorti izda mhux li hallew debilita' permanenti. Fir-rapport tieghu inserit a folio 76 et sequitur Dr. Mario Scerri fil-fatt ikkonkluda s-segwenti:-

1. Illi nhar is-26 t' April, 2016 Abigail Muscat kienet involuta f' incident fejn allegatament qalghet daqqa ta' ras minghand l-ex boyfriend taghha Duncan Mizzi;
2. Illi rizultat ta' dan din kellha tiddahhal l-isptar Mater Dei fejn sarilha X-Ray fi mnehirha;
3. Illi c-cikkatrici deskritti fuq il-bridge tal-imnieher kienet rizultat ta' lacerazzjoni subita minn blunt trauma. Din ic-cikkatrici hija insinifikanto u ma tidhirx from within talking distance;
4. Illi l-frattura tan-nasal bone hija lezjoni ta' natura gravi per durata u hadet aktar minn tletin gurnata biex tfiq;
5. Illi m' hemm evidenza ta' deviation tan-nasal septum.

Ikkunsidrat:

Illi l-mertu ta' din il-kawza jirrigwarda zewg incidenti separati izda konnessi fejn l-ewwel incident jirrigwarda l-argument u l–griehi li gew kawzati lil Abigail Muscat u konsistenti fi ksur f' imnehirha u t-tieni incident jirrigwarda dak li sehh bejn l-imputat u PC 648 waqt li dan kien qed jipprova jikkalma lill-imputat u jzommu milli jersaq lejn il-vettura ta' Muscat fejn din tal-ahhar kienet qed tigi mitkellma mis-Surgent u l-imputat spicca sabiex laqat id PC 646 u weggghalu subghajh.

Illi dwar l-incident bejn Muscat u l-imputat Abigail Muscat li xehdet f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-11 ta' Marzu 2016 tghid li il-glieda bejnha u bejn l-imputat inqalghet ghaliex hija kellha l-guh u l-imputat kien qed jirrifjuta li jinzel mill-vettura sabiex jixtrilha kebab u li waqt l-argument taha daqqa ta' ras f' imnehirha u hija spiccat b' wiccha kollu demm. L-imputat min-naha l-ohra kemm fl-istqarrija minnu rilaxxjata fit-28 ta' April 2015 kif ukoll meta xehed f' dawn il-proceduri waqt l–udjenza tal-25 ta' Mejju 2017 dejjem cahad li kien volontarjament ikkaguna griehi gravi lil Abigail Muscat u spjega li din fil-fatt weggghat waqt li kienet qed tissielet mieghu sabiex ma thallihx johrog mill-vettura taghha u meta huwa nizzel rasu sabiex igib l-ipad u t-telephone tieghu minn taht is-seat fejn kienet bilqeghda Muscat u spicca sabiex laqatha f' imnehirha, meta hija resqet lejh sabiex ma thallihx johrog mill-vettura. Huwa qal ukoll li Abigail Muscat kienet agitata immens u bdiet tghajjat u tghajru kemm tiflah anki ghaliex kienet xorbot mhux hazin dakinhar u kienet urtata li marru f' post fejn inserta kien hemm tfajla li huwa kien jiffrekwenta fil-perjodu meta ma kienx ghadu ma' Muscat. Dwar l-incident mal-Pulizija l–imputat ammetta li kien daqsxejn agitat ghaliex ried jerga' jmur hdejn il-vettura fejn kien hemm Muscat biex jivverifika l-kundizzjoni taghha ghaliex kien ra d-demm hiereg minn imnehirha u l-Pulizija li ma kienx jaf x' gara ezatt ma bediex ihallih jersaq lejn il-vettura fejn Muscat kienet qed tigi assistita u qed titkellem mas-Surgent u huwa ghalhekk spicca sabiex laqat lil dan il-Pulizija f' idejh waqt li dan kien qed jimmanetjah.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti setghat tikkonstata li dwar l-incident ma' Abigail Muscat il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat tinsab pjenament korroborata mix-xhud Omar Granata[1] li nserta ghaddej minn fuq il-post waqt li l-imputat u Muscat kienu qed jillatikaw fil-vettura u huwa ra lill-imputat b' siequ wahda l' barra mill-vettura u qed jipprova johrog u jghid lil Muscat sabiex thallih jitlaq u jiehu hwejgu u dan waqt li l-istess Muscat kienet qed tghajjat kemm tiflah, u agitata immens u tghajjar lill-imputat. Fil-fehma tal-Qorti l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli kif huwa tenut li jaghmel li l-griehi sofferti minn Abigail Muscat gew kagunati b' mod ghal kollox involontarju waqt li huwa kien qed jipprova jiehu l-affarijiet tieghu minn taht is-seat u jallontana ruhu mill-vettura u minn Muscat. Dan ifisser li huwa ma jistghax jinstab hati la tal-ewwel u l-anqas tat-tieni mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi in kwantu jirrigwarda t-tieni incident fejn spicca sabiex PC 646 Albert Saliba sofra griehi ta' natura hafifa f' idu l-Qorti wara ezami akkurat kemm tax-xhieda ta' PC 646 kif ukoll tal-pulizija l-ohra nvoluti tinsab konvinta li l-agir tal-imputat jinkwadra ruhu f' dak previst fl-Artikolu 95 u 221 tal-Kodici Kriminali izda ma jinkwadrax ruhu fir-reat ta' rezistenza bi vjolenza kontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali. Mill-imsemmija xhieda fil-fatt jirrizulta li l-imputat beda' jghajjat u jkun vociferu ghaliex ried jithalla jersaq lejn il-vettura fejn kien hemm Muscat u waqt li l-Pulizija kienu qed jimbuttawh lura u ddecidew li jarrestawh u kienu qed jimmanetjawh huwa spicca sabiex laqat lil PC 646 f' idejh.

[1] Li xehed f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-28 ta' Settembru 2017.

Illi mix-xhieda tal-Pulizija li kienu fuq il-post jirrizulta minghajr dubju dettat mir-raguni li l-imputat qal kliem oxxenn u li kien qed jikser il-paci pubblika b' ghajjat u glied u huwa sejjer ghalhekk jinstab hati anki tal-hames (5) u tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi l-Prosekuzzjoni gabet ukoll il-prova rigwardanti l-addebitu tar-recidiva permezz tal-kopja tas-sentenza inserita a fol. 127 et sequitur tal-atti processwali.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat huwa recidiv kif ukoll ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u jidrilha li piena pekunjarja tkun l-aktar piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-20 ta' Dicembru 2016 u senjatamanet l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 95, 214, 215, 221, 222(1)(c), 338(bb), u 338(dd), tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5) u tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu izda in kwantu ghat-tielet imputazzjoni huwa qed jinstab hati taht l-Artikolu 95 u mhux 96 kif hawn fuq spjegat, u tikkundannah multa ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500.00). Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub

mir-Registratur tal-Qorti ihallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta’ mitejn u erbatax -il ewro u hamsin centezmu (€214.50[2]) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta’ esperti f’ dan il-kaz.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur

[2] Rapport ta’ Dr Mario Scerri pg 76-86 - €214.50